

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16865/25
PV CONS 72
TRANS 651
TELECOM 479
ENER 683
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
15 ta' Diċembru 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16535/25.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

16265/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

3. Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa  16451/25
Approċċ ġenerali parzjali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

L-Ungerija, Malta u s-Slovakkja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

4. Pakkett dwar il-Grilji Ewropej  15896/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Ir-rabta bejn l-enerġija u s-sigurtà¹ 15879/1/25 REV 1
Skambju ta' fehmiet

¹ Fil-preżenza tal-Viċi Segretarju Ġenerali tan-NATO.

Affarijiet oħra

6. a) Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija 16454/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- b) **Soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni għar-rekwiżiti tal-importazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1787 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija** [2] 16479/1/25 REV 1
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

Il-Polonja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

- c) **Niżguraw il-koerenza tal-iskemi nazzjonali ta' appoġġ għall-prezzijiet tal-enerġija biex jiġi ssalvagwardat is-suq intern u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija** [2] 16418/25
Informazzjoni mill-Finlandja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall, Spanja, il-Finlandja u l-Irlanda.

- d) **L-impatt tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) fuq l-importazzjonijiet tekniċi u mhux kummerċjali tal-elettriku mill-Ukrajna lejn l-Istati Membri tal-UE** [2] 16412/25
Informazzjoni mill-Polonja, appoġġata mill-Estonja u l-Litwanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, appoġġata mill-Estonja u l-Litwanja.

- e) **Reviżjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat applikabbli għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali – akkomodazzjoni soċjali u affordabbli** [2] 16515/1/25 REV 1
Informazzjoni minn Franza u l-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u l-Ġermanja.

- f) **Pubblikazzjoni f'waqtha tal-Istrateġija dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ** [2] 16484/25
Informazzjoni mill-Awstrija, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, l-Awstrija, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovenja.

- g) **It-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija reġjonali: ir-rwol
ċentrali tal-Greċja fid-diversifikazzjoni tal-provvista
tal-gass**
Informazzjoni mill-Greċja

16650/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Greċja.

- h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni minn Ċipru

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- ❸ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġislativ "B" li jinsab fid-dokument 16535/25

Dwar il-punt "B" **Regolament li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**
nru 3: *Approċċ ġenerali parzjali*

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Aħna nqisu li r-Regolament FNE huwa importanti, peress li jikkontribwixxi għall-appoġġ ta' proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija; madankollu, jiddispaċina li r-Regolament ma jipprovdi il-possibbiltà li tiġi appoġġata l-infrastruttura tal-fjuwils fossili. Fid-dawl tal-oġġettivi stipulati fir-Regolament RePowerEU, l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-infrastruttura tal-idrokarburi li tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-provvista huwa prijorità għall-Ungerija.

Fil-fehma tagħna, huwa essenzjali li nqisu r-realtajiet fiżiċi u ġeopolitiċi.

Aħna nemmnu li huwa possibbli li jissaħħu l-istrumenti u l-appoġġ infrastrutturali tal-UE għad-diversifikazzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils fossili b'mod li jkun kompatibbli mal-oġġettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima.

Sakemm tiġi solvuta l-kwistjoni tad-diversifikazzjoni tal-infrastruttura tal-fjuwils fossili, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-approċċ ġenerali parzjali. Nitolbu l-inklużjoni ta' appoġġ għall-infrastruttura tal-idrokarburi fi ħdan ir-Regolament FNE jew fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri leġislativi oħra bħall-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej.

L-Ungerija tastjeni milli tivvota."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Fi spirtu ta' kompromess, Malta qed tilqa' l-Approċċ Ġenerali Parzjali dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-2028–2034 peress li temmen li t-test jipprevedi bażi tajba għal aktar hídma mal-Parlament Ewropew.

Speċifikament dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija, Malta tirrikonoxxi li t-test jipprova jsaħħaħ l-enfasi fuq it-tmiem tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-eliminazzjoni tal-ostakli fl-interkonnessjoni, is-sigurtà tal-provvista, u r-rikonoxximent espliċitu tal-ispeċifitàjiet ġeografiċi, inkluż l-Istati Membri gżejjer.

Madankollu, Malta tfakkar li, għall-Istati Membri gżejjer, l-iżolament fil-qasam tal-enerġija għandu jinftehem mil-lat funzjonali, inkluż sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jkun interkonness mas-sistema tal-elettriku ta' Stat Membru ieħor wieħed biss u fejn riskji ta' ridondanza u ta' punt uniku ta' falliment jistgħu jippersistu minkejja l-eżistenza ta' interkonnettur. F'dan il-kuntest, azzjonijiet li jtejbju l-kapaċità ta' interkonnessjoni, ir-reżiljenza jew ir-ridondanza jistgħu jikkontribwixxu biex jintemm l-iżolament fil-qasam tal-enerġija skont it-tifsira tar-Regolament.

Malta tilqa' wkoll il-premessa li tirrikonoxxi l-importanza tal-espansjoni, it-tishiĥ u d-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-grilja interna biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-interkonnexxjonijiet transfruntieri u biex tiġi indirizzata l-konġestjoni strutturali. Malta tistieden lill-Kummissjoni, meta tnejni u timplimenta l-programmi ta' ħidma tal-FNE għall-Enerġija f'konformità mal-Artikolu 12, tagħti kunsiderazzjoni partikolari lill-PCIs, lill-PMIs u lill-azzjonijiet relatati li jintegraw aktar is-suq intern tal-enerġija, itemmu l-iżolament fil-qasam tal-enerġija u jsaħħu r-reżiljenza tas-sistema, filwaqt li jqisu kif xieraq l-ispeċifitàjiet tal-gżejjer.

Malta ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fin-negozjati li ġejjin biex tiżgura li dawn il-kunsiderazzjonijiet ikunu riflessi bis-siĥ fl-implimentazzjoni tar-Regolament, inkluż it-tnejni tal-programmi ta' ħidma tal-FNE għall-Enerġija, u, fejn rilevanti, matul in-negozjati leġiżlattivi sussegwenti."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakkja tappoġġa l-Approċċ Ġenerali parzjali għar-reviżjoni tar-Regolament FNE.

Madankollu, ir-Repubblika Slovakkja hija tal-fehma li objettiv tal-UE maqbul reċentement għall-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi, minqax fir-Regolament REPowerEU, għandu jiġi rifless fir-Regolament FNE. L-objettiv tar-REPowerEU ser ikollu impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista u ser jirriżulta fi ħtieġa ta' sforzi sinifikanti ta' diversifikazzjoni mill-Istati Membri l-aktar milquta, li jinkludu t-tibdil tal-infrastruttura li ilha titħaddem għal għexieren ta' snin.

Minħabba l-impatti negattivi previsti tar-REPowerEU fuq is-sigurtà tal-enerġija u s-swieq tal-enerġija, b'mod partikolari fir-reġjun tal-Ewropa Ċentrali, ir-Repubblika Slovakkja tqis li jeħtieġ li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa tal-gass naturali u taż-żejt f'perjodu tranżitorju fil-kuntast tal-isforzi ta' diversifikazzjoni sabiex jittaffew l-impatti mistennija fuq l-Istati Membri l-aktar milquta. Għalhekk, is-Slovakkja pproponiet li tintroduċi Artikolu ġdid li jirrifletti l-ħtieġa li jiġu indirizzati il-lakuni fl-infrastruttura u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri kollha tal-UE.

Filwaqt li r-Repubblika Slovakkja tirrikonoxxi li l-Artikolu l-ġdid ma ġiex inkorporat fl-Approċċ Ġenerali parzjali għar-reviżjoni tar-Regolament FNE, ir-Repubblika Slovakkja hija tal-opinjoni li jibqa' rilevanti ħafna u ser tippromwovi l-inklużjoni tiegħu fir-Regolament TEN-E fin-negozjati dwar il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej."

Dikjarazzjoni għall-punt Affarijiet oħra li jinsab fid-dokument 16535/25

Dwar il-punt 6b) "Affarijiet oħra":

Soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni għar-rekwiżiti tal-importazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1787 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija
Informazzjoni mill-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Filwaqt li tirrikonoxxi li l-metan huwa t-tieni l-aktar gass serra b'saħħtu, responsabbli għal madwar terz tat-tisħin li qed nesperjenzaw illum, il-Polonja tenfasizza li t-tnaqqis tiegħu fis-settur tal-enerġija huwa waħda mill-aktar strateġiji kosteffettivi disponibbli għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u tinnota l-investimenti li diġà saru mill-fornituri fdati tal-UE mad-dinja kollha għall-kejl, ir-rappurtar u l-verifika biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-attivitajiet tagħhom.

Fid-dawl tal-objettivi tagħna li niżguraw l-affordabbiltà u r-reżiljenza tal-enerġija, il-Polonja tilqa' l-faċilitazzjoni u t-tmexxija pprovduti mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-penali. Minkejja l-possibbiltà li ċerti aspetti tal-acquis eżistenti dwar l-enerġija jistgħu, fi żmien debitu, jibbenefikaw minn aktar simplifikazzjoni taħt sforzi usa' ta' simplifikazzjoni, il-Polonja tappoġġa implimentazzjoni prammatika tar-Regolament li tissimplifika l-proċeduri u tissalvagwarda s-sigurtà tal-enerġija tal-UE, inkluż għall-importazzjonijiet tal-enerġija tagħha minn sħab fdati. F'dan ir-rigward, il-Polonja tissottolinja l-ħtieġa ta' provvisti alternattivi ekonomikament vijabbli biex niddiversifikaw il-portafoll tal-enerġija tagħna fil-kuntest tat-tneħħija gradwali taż-żejt u l-gass Russu.

Il-Polonja tesprimi l-impenn tagħha għal implimentazzjoni Prattika u armonizzata tar-rekwiżiti ta' importazzjoni tar-Regolament fl-UE kollha, filwaqt li tirrikonoxxi li nstabu soluzzjonijiet biex tintwera evidenza ta' konformità mar-Regolament anke fil-każijiet meta relazzjoni diretta bejn l-importatur u l-produttur tkun diffiċli jew impossibbli li tiġi identifikata. In-Network tal-Awtoritajiet Kompetenti maħluq skont ir-Regolament eżamina soluzzjonijiet konkreti għal ktajjen tal-provvista kumplessi bħal dawn u ddetermina li dawn jistgħu joffru evidenza aċċettabbli għall-konformità, abbażi tal-ħidma ta' faċilitazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Polonja tilqa' s-sejbiet tan-Network tal-Awtoritajiet Kompetenti u taqbel li taċċetta soluzzjonijiet bħal dawn fl-implimentazzjoni tar-Regolament.

Il-Polonja tistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiffaċilita tali ħidma u toħroġ malajr bi kriterji ewlenin għal aktar soluzzjonijiet ta' konformità possibbilment fil-forma ta' rakkomandazzjoni.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza kritika tas-sigurtà tal-provvista tal-UE, il-Polonja timpenja ruħha li tinkorpora klawżoli xierqa fir-regoli nazzjonali tagħna dwar il-penali sabiex tipprevjeni kwalunkwe sitwazzjoni li tista' taffettwa s-sigurtà tal-enerġija, bħal interruzzjonijiet fil-provvisti, kif previst fir-Regolament. Tali klawżoli jistgħu jinkludu s-sospensjoni temporanja tal-applikazzjoni tal-penali.

Il-Polonja tibqa' ddedikata għall-avvanz ta' dawn l-inizjattivi biex tissalvagwarda l-ambjent filwaqt li tiżgura s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija fl-UE fir-rigward tal-provvisti minn sħab fdati."